# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Settembru, 2016**

**Talba Nru: 102/2015/VG**

**HSBC Bank Malta plc [C-3177]**

**Vs**

**Maresco (Trading) Limited u permezz ta' formola numru sitta (6) pprezentata mill-intimata fit-18 ta' Gunju, 2015 gie kjamat fil-kawza Jeffrey CASSAR**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Jannar, 2015** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elfejn tmien mija disgha u tletin euro u disgha u disghin centezmi ta' euro [€2,839.99c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi s-socjeta intimata kellha facilitajiet bankarji mas-socjeta attrici fosthom savings account. Illi fit-tnejn (2) ta' Mejju tal-2013, is-socjeta intimata ddepozitat cheque ghall-ammont ta' elfejn disgha mija u disgha u sittin ewro u hamsa u disghin centezmu (€2,969.95) u nel frattemp gibdet l-ammont ta' tlett elef, erbgha mija u hamsin ewro (€3,450) mill-istess kont taghha.

Illi sussegwentement c-cheque ghall-ammont ta' elfejn disgha mija u sittin ewro u hamsa u disghin centezmu (€2,969.95) ma kienx onorat ghaliex kien hemm rapport li gie misruq u sussegwentement gie kancellat, pero s-socjeta intimata lahqet gibdet flusha kollha mill-kont inkluz is-somma tac-cheque imsemmi.

Illi ghalhekk il-kont tas-socjeta intimata jinsab fi zbilanc ta' elfejn tminn mija u disgha u tletin ewro u disgha u disghin centezmu (€2,839.99), liema somma ghandha tithallas lura mis-socjeta intimata u dan kif jirrizulta mill-account statement hawn anness u mmarkat bhala DOK HSBC 1.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet inkluz permezz ta' ittri datati is-sittax (16) ta' Lulju 2013 u s-sbatax (17) ta' Dicembru 2014, is-socjeta intimata baqghet inadempjenti u sahansitra qed tirrifjuta thallas.

GHALDAQSTANT, salv kwalunkwe dikjarazzjoni ulterjuri, is-socjeta rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara li s-socjeta intimata hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' elfejn tminn mija u disgha u tletin ewro u disgha u disghin centezmu (€2,839.99);

2. Jordna lis-socjeta intimata sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti l-imsemmi ammont ta' elfejn tminn mija u disgha u tletin ewro u disgha u disghin centezmu (€2,839.99);

   Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji inkorsi mis-socjeta rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, bl-imghaxijiet legali mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar 2013, skond l-istatement of account sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap. 13".

**Ra r-risposta tas-socjeta intimata minnha pprezentata fil-25 ta' Frar, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

> "1. Illi in linea preliminari l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal li jiddeciedi dan il-kaz in kwantu t-talba attrici mhix *money claim* ai termini tal-Kap. 380;
>
> 2. Illi fi kwalunkwe kaz it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li skond il-Ligi l-eccipjenti ma twegibx ghal telf li talvolta seta sofra l-bank attur in segwitu ghat-transazzjoni odjerna u dan ai termini inter alia tal-artikoli 1894, 1842 u 1843 tal-Kap. 16;
>
> 3. Illi l-esponenti bl-ebda mod ma hi debitrici tal-bank attur. Semmai l-attrici ghandha tagixxi kontra minn ikkawzalha t-telf li zgur mhiex is-socjeta konvenuta. F'dan ir-rigward ghandu jigi kkjamat in kawza Geoffrey Cassar li ghamel uzu mic-cekk u sid l-istess cekk Maria Vella;
>
> 4. Illi l-eccipjenti bhala l-parti in good faith zgur li ma tistax tigi tenuta responsabbli ghat-talbiet attrici aktar u aktar meta kien il-Bank innifsu li wara l-verifiki tieghu informa lill-esponenti li kollox kien regolari;
>
> 5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
>
> Bl-ispejjes kontra l-Bank attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li fis-seduta tal-15 ta' Lulju, 2015 deher il-kjamat fil-kawza Jeffrey Cassar assistit mill-Avukat Dott. Noel Bianco li talab zmien sabiex iressaq ir-risposta tieghu. Ra li t-Tribunal laqa' din it-talba u pprefigga terminu sa l-ahhar ta' Lulju, 2015 ghall-prezentata.

**Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza pprezentata fit-30 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk:

"1. Illi preliminarjament t-talba u l-pretensjonijiet kif diretti fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Jeffrey Cassar hija preskritta bid-dekors taz-zmien u dan a tenur tal-artikolu 2157 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-kjamat fil-kawza qatt ma xtara jew innegozja ma l-ebda parti u ghaldaqstant ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju."

Ra l-verbal tas-6 ta' Novembru, 2015 fejn it-Talba giet differita ghall-gheluq tal-provi tas-socjeta intimata u tal-kjamat fil-kawza.

Ra l-verbal tad-19 ta' Jannar, 2016 fejn it-Tribunal ordna li r-risposta tal-kjamat fil-kawza tigi dattilografata u fin-nuqqas sejjer jordna l-isfilz taghha.

Ra l-verbal tad-19 ta' Jannar, 2016 fejn it-Tribunal iddikjara l-istadju tal-gbir tal-provi maghluq.

Ra n-nota datata 21 ta' Jannar, 2016 fejn id-difensur tal-kjamat fil-kawza irrinunzja ghal patrocinju tieghu (fol. 87).

Ra l-verbal tal-11 ta' Lulju, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, l-bank rikorrenti qed jitlob li s-socjeta intimata tigi dikjarata debitrici tieghu fl-ammont ta' €2,839.99c. Dan wara li ppremettiet li s-socjeta intimata kellha facilitajiet bankarji u fit-tnejn (2) ta' Mejju tal-2013, hija ddepozitat *cheque* ghall-ammont ta' €2,969.95 u nel frattemp gibdet l-ammont ta' €3,450 mill-istess

kont taghha. Sussegwentement c-*cheque* ghall-ammont ta' €2,969.95 ma kienx onorat ghaliex kien hemm rapport li gie misruq u sussegwentement gie kancellat. Gara pero li s-socjeta intimata lahqet gibdet flusha kollha mill-kont inkluz is-somma tac-*cheque* imsemmi. Konsegwentement, il-kont tas-socjeta intimata jinsab fi zbilanc ta' €2,839.99 li huwa l-ammont reklamat b'dawn il-proceduri.

2. Is-socjeta intimata laqghet ghal din it-talba billi qalet li preliminarjament, dan it-Tribunal ma ghandux il-kompetenza biex jiddeciedi dan il-kaz in kwantu t-talba mhix *money claim* ai termini tal-Kap. 380 u fi kwalunkwe kaz it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li skond il-Ligi hija ma twegibx ghal telf li talvolta seta sofra l-bank rikorrenti in segwitu ghat-transazzjoni odjerna u dan ai termini *inter alia* tal-artikoli 1894, 1842 u 1843 tal-Kap. 16. Qalet ukoll li hija bl-ebda mod ma hi debitrici tal-bank rikorrenti u li semmai l-bank kellu jagixxi kontra minn ikkawzalu t-telf li zgur mhiex is-socjeta konvenuta. L-istess socjeta intimata ghalhekk talbet li jigi kkjamat fil-kawza Geoffrey Cassar li ghamel uzu mic-cekk u sid l-istess cekk Maria Vella. Ziedet tghid li hija bhala l-parti *in good faith* zgur li ma tistax tigi tenuta responsabbli ghat-talbiet rikorrenti aktar u aktar meta kien il-Bank innifsu li wara l-verifiki tieghu informaha li kollox kien regolari. Ghalhekk sahqet li t-talbiet tar-rikorrenti kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Il-kjamat fil-kawza Jeffrey Cassar laqgha ghat-talbiet billi qal li preliminarjament t-talba u l-pretensjonijiet kif diretti fil-konfront tieghu huma preskritti bid-dekors taz-zmien u dan a tenur tal-artikolu 2157 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li bla pregudizzju ghal dan huwa qatt ma xtara jew innegozja ma l-ebda parti u ghaldaqstant ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ikkunsidra;

4. **Xehed David Vella**, li fis-sena 2012 kien *Customer Service Manager* fi hdan il-bank rikorrenti fergha ta' Haz-Zebbug. Qal li s-socjeta intimata kienet iddepozitat cekk fl-ammont ta' €2,969.95c fil-kont li hija kellha mal-bank minnu rapprezentat. Id-depozitu gie pprocessat fit-2 ta' Mejju, 2012 fit-8:13p.m. L-ghada li kien sar id-depozitu tac-

cekk, Frank Galea, rapprezentant tas-socjeta intimata kien mar fil-fergha ta' Haz-Zebbug u talbu sabiex jigbed xi flejjes mill-kont ta' l-istess socjeta intimata. Minn bilanc li kien qieghed jidher ta' €3,714.43, dan Frank Galea gibed l-ammont ta' €3,450 fl-10:48a.m. Dak in-nhar stess, ftit sieghat wara li kien mar Frank Galea jigbed dan l-ammont mill-kont tas-socjeta intimata mill-fergha ta' Haz-Zebbug, irrizulta lis-socjeta rikorrenti li c-cekk li kien gie depozitat lejliet "*gie debitat bl-istess ammont minhabba li harget l-ordni li l-pagament kien countermanded minhabba li rrizulta illi c-cekk depozitat, kif ukoll dawk ic-cekkijiet depozitati mill-Maresco li kienu gew girati favur taghha minn Invicta rrizultaw misruqa minghand wahda sinjura Mary Vella*" (fol. 17). B'konsegwenza ta' dan, l-bank gibed il-flejjes mill-kont tas-socjeta intimata u ghalhekk il-kont taghha gie effettivament *overdrawn* bl-ammont ta' €2,705.52c. Qal li huwa jaf li r-*Retail Risk Department* fi hdan il-bank rikorrenti kien ikkomunika mad-dirigenti tas-socjeta intimata sabiex jirritornaw dan l-ammont peress li l-"*bank jibqa jirrizerva d-dritt illi jigbor flusu lura fl-eventwalita illi c-cekk ikun irrizulta falz jew misruq*" (fol. 17). Dan il-hlas minghand is-socjeta intimata baqa ma wasal qatt lill-bank rikorrenti.

Huwa qal ukoll li "*l-Bank kien jaf li kien hemm stop payments fuq dawk ic-cekkijiet qabel ma l-kaxxier taghna qal li kien hemm fondi f'dak il-kont sabiex jaghmlu tajjeb ghal-istess cekk*" (fol. 81). Zied jghid, wara li ra d-dokument datat 7 ta' April, 2012 (fol. 85), li dan id-dokument kien rilaxxat mill-bank rikorrenti u "*hawn jirrizulta illi ahna konna nafu sa xahar qabel mas-Sur Galea sarraf ic-cekkijiet jew ftit anqas minn xahar*" (fol. 82).

Qal ukoll li meta jsir depozitu ta' cekk, dak il-hin ma jsirx *checking* u cioe "*jekk dak ic-cekk kienx fraudulenti jew jekk kienx hemm bizzejjed flejjes fil-kont biex jaghmel tajjeb biex jigi onorat*" (fol. 82). Il-procedura kienet, kompla jghid ix-xhud, li l-ewwel isir id-depozitu u mbaghad filghaxija jigi processat id-depozitu. Imbaghad l-ghada jigi vverifikat jekk ic-cekkijiet kienux tajbin jew inkella jekk kienx hemm xi haga rigward l-istess cekkijiet bhal *stop payment*. Meta jigi vverifikat ic-cekk, dan isir dak il-hin stess.

Fil-kaz odjern, kompla jghid ix-xhud, "*ic-checking sar wara li l-Bank kien qal lir-Raymond Galea li kien hemm bizzejjed flejjes fil-Bank*" (fol. 82). Il-verifika biex wiehed jara jekk kienx hemm *countermanding* f'dan il-kaz ma sarx filghodu izda matul il-gurnata u dan peress li dak kien il-process li juza l-bank. Ghalhekk, il-process tal-verifika sar wara li ssarraf ic-cekk. In kontro-ezami qal li "*meta gie ddepozitat ic-cekk li kienu gabu tal-Maresco kien hemm din id-deposit slip attecjata maghhom*" (fol. 82). Fuq din id-*deposit slip* hemm miktub "*li l-Bank qieghed jirriserva li l-flus jergghu jigu debitati mill-account u l-klijent jibghat din id-deposit slip*" (fol. 82). Huwa esebixxa dok. DV 1 li hija d-*deposit slip* in kwistjoni (fol. 86).

5. **L-Avukat Ralph Agius Fernandez** xehed u qal li Frank Galea, direttur tas-socjeta intimata kien iffirma *voucher* (dok. RAF 1) u li permezz tieghu huwa ddepozita c-cekk mertu ta' dan il-kaz. Skont ma jirrizulta mid-dokument RAF 1, id-data hija 2 ta' Mejju, 2012 u l-ammont tac-cekk kien ta' €2969.95c. Sostna li bis-sahha ta' l-istess *voucher* il-bank rikorrenti kellhu d-dritt li jitlob ir-rifuzjoni tal-flejjes akkreditati lill-klijent fl-eventwalita li l-istess cekk jigi sussegwentement *countermanded*. Hawnhekk, ix-xhud qieghed jirreferi ghal dak li jghid fil-genb tieghu d-dok. RAF 1 u cioe: "*customers are adviced that the Bank reserves the right at its discretion to postpone payment of cheques drawn against uncleared effects which may be credited to the account even if deposited in the branch where drawer's account is domiciled. It is understood that the Bank reserves the right to claim refund and/or debit their account in respect of effects which are unpaid or lost in transit (without loss of exchange, where applicable) plus all charges or in case payment of effects is subsequently countermanded in terms of foreign or local law*[1]". Apparti dan kollu, kompla jghid l-istess xhud, is-socjeta intimata "*kienet ben konsapevoli tat-termini u kondizzjonijiet in kwestjoni mill-esponenti meta hu iffirma l-voucher*" (fol. 30)

6. **Raymond Galea**, *managing director* tas-socjeta intimata pprezenta faxxikolu konteneti sitt dokumenti b'konessjoni ma dan il-kaz. L-

[1] Dan il-kliem, it-Tribunal hadu verbatim mill-affidavit tax-xhud l-Avukat Ralph Agius Fernandez apparti li hemm hemm ukoll din il-klawsola riprodotta verbatim fin-nota ta' sottomissjonijiet a fol. 112 peress li l-kitba fil-genb tad-dokument a fol. 31 hija wisq zghira u mhux facilment legibbli.

ewwel dokument li esebixxa kien kopja tas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jeffrey Cassar li kienet sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-6 ta' Gunju, 2012 li permezz taghha, il-kjamat fil-kawza gie kkundannat ghal piena ta' sentejn prigunerija wara li huwa ammetta li kien wettaq frodi a detriment ta' Invicta Limited u/jew Mary Vella billi ghamel uzu ta' cheque book proprjeta ta' l-imsemmija Mary Vella minghajr il-permess taghha u xtara diversi ghodod permezz ta' dawn ic-cekkijiet kif ukoll iffirma falsament f'isem Mary Vella l-imsemmija cekkijiet.

Spjega li l-kjamat fil-kawza kien mar jixtri xi ghodda minghand is-socjeta intimata u hallas bic-cekkijiet u li wara sar jaf li huwa kien ha dawn ic-cekkijiet minghand Mary Vella minghajr il-permess taghha. Qal li ghall-ewwel, il-kjamat fil-kawza kien ghadda lis-socjeta intimata tlett cekkijiet fl-ammont ta' (i) €1,818.64c (ii) €1,073.16c u (iii) €800.46c. Il-Bank kien ikkredita l-kont tas-socjeta intimata b'dawn l-ammonti mal-ewwel u ma qadx jistenna t-tlett ijiem tax-xoghol biex jghaddu. Iktar il-fuq fix-xhieda tieghu, x-xhud qal li hekk kif appena l-kjamat fil-kawza ghamel il-hlas ghal ghodda li kienet inxtrat minghand is-socjeta intimata, huh, Frank Galea kien mar b'dawn ic-cekkijiet il-fergha ta' Haz-Zebbug tal-bank rikorrenti u hemm kellem lil impjegat bl-isem ta' Emanuel u talbu sabiex "*jivverifika li kien hemm bizzejjed fondi fil-kont li minnu nhareg ic-cekk*" (fol. 45). Tal-bank informa lil huh li kien hemm bizzejjed fondi f'dan il-kont biex jissarraf ic-cekk in kwistjoni. Qal li "*fil-fatt il-bank ittrasferixxa l-flus dak il-hin stess u ma qadtx jistenna t-terminu solitu ta' three working days biex jikklirja c-cekk*" (fol. 45).

Sussegwentement, il-kjamat fil-kawza kien xtara xi oggetti ohra u reggha hallas lis-socjeta intimata b'cekk iehor, din id-darba fl-ammont ta' €2,969.95c. Ghar-rigward ta' dan l-ahhar hlas, ix-xhud qal li l-bank minflok kien ikkredita l-ammont fil-kont taghhom bhal ma kien ghamel precedentement, kien stenna tlett ijiem tax-xoghol. Zied jghid li anke ghar-rigward ta' dan ic-cekk, l-istess rapprezentant tal-bank, bl-isem ta' Emanuel kien qal lil huh li ma kienx hemm problema biex dan ic-cekk jissarraf.

Wara xi ftit granet, dan ir-rapprezentant tal-Bank bl-isem ta' Emanuel ghal ewwel kien infurmahom li kien hemm *stop payment* fuq it-tlett cekkijiet li kienu gew depositati mis-socjeta intimata l-ewwel darba u ftit wara kien infurmahom ukoll li kien hemm stop payment iehor fuq l-ahhar cekk li kienu ddeppositaw fl-ammont ta' €2,969.95c.

B'referenza ghad-dokument immarkat bl-ittra B (fol. 54), ix-xhud qal li fit-28 ta' April, 2012 s-socjeta minnu rapprezentata kienet iddepozitat fil-kontijiet taghha l-ammont ta' €3,737.80c f'cekkijiet. Fost dawn id-depositi kien hemm it-tlett cekkijiet li kien taghhom il-kjamat fil-kawza. Fit-30 ta' April, 2012 dawn it-tlett cekkijiet kienu gew *countermanded* u ngibdu l-flejjes mill-kont tas-socjeta intimata. Sussegwentement, fit-2 ta' Mejju, 2012 is-socjeta intimata regghet iddepozitat cekk iehor fl-ammont ta' €2,969.95c u Frank Galea, hu x-xhud, gibed is-somma ta' €3,450 fit-3 ta' Mejju, 2012. Dak in-nhar stess, il-bank qal li l-ahhar cekk li gie depositat ukoll gie *countermanded* u li s-socjeta intimata kellha thallsu lura l-ammont li huwa kien iddeposita fil-kont taghha biex setghu jingibdu l-flejjes min Frank Galea.

Zied jghid li darba fost l-ohrajn huwa kien il-Qorti u semgha isem il-kjamat fil-kawza jissejjjah u mar fejn l-awla. Dak il-hin marret hdejh mara li iddentifikat ruhha bhala Mary Vella u nfurmatu, jekk ma kiex sejjer zball, li l-bank rikorrenti kien qieghed jiehu azzjoni fuq dan il-kaz u li hija kienet infurmatu ferm qabel it-30 ta' April, 2012 li kien insterqilha c-*cheque book* taghha.

7. **L-iSpettur tal-Pulizija Rennie Stivala** xehed u qal li fis-6 ta' April, 2012 Marija Vella kienet ghamlet rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara li kien insterqilha c-*cheque book*. Qal ukoll li s-socjeta intimata kienet ghamlet rapport kontra l-kjamat fil-kawza Jeffrey Cassar u li mill-investigazzjoni li huwa ghamel, irrizultalu li l-kjamat fil-kawza kien xtara xi ghodda minghandha u l-hlas kien sar b'cekk proprjeta ta' Marija Vella. Qal li mill-istess investigazzjonijiet li kien ghamel irrizultalu li l-firma li kien hemm fuq wara tac-cekkijiet ma kienitx ta' Marija Vella izda kien ghamilha l-kjamat fil-kawza. Kompla jghid li l-kjamat fil-kawza kien ammetta mieghu li hu kien mar biex jixtri l-ghodda minghand is-socjeta intimata. Qal li l-kjamat

kien anke ammetta l-akkuzi migjuba kontrih il-Qorti. Stqarr li wara li inghatat is-sentenza, u minkejja li huwa kien informa lill-kjamat fil-kawza biex jghidlu ghand minn kienet l-ghodda li xtara minghand is-socjeta intimata, dan baqa qatt ma tah dik l-informazzjoni u allura l-ghodda ma setatx tingabar minkejja li kien hemm ordni fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati f'dan ir-rigward. Ghalhekk l-ghodda ghadha ma gietx ritornata lura lis-socjeta intimata.

8. **Mary Vella** qalet li hi u zewgha kienu marru jixtru min go hanut gewwa l-Iklin u hekk kif hargu min go dan il-hanut, hija indunat li kienu serqulha l-basket li fih kellha c-*cheque book* u xi affarijiet ohra personali. Dan kien fil-Gimgha l-Kbira tas-sena 2012. Hija fil-pront marret taghmel rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara fejn irrapurtat is-serqa u cemplet lil bank rikorrenti "*biex naghmel stop payment fuq ic-cheque book*" (fol. 84). Qalet li l-bank infurmaha li l-i*stop payment* kienet effettiva minn dak il-hin stess u talabha sabiex terga ccempel l-ghada filghodu kif effettivament ghamlet. Hija kienet cemplet lill-fergha tal-bank gewwa San Pawl il-Bahar fejn kellha l-kont. Huwa talbuha tikkonferma li c-*cheque book* taghha kien insteraq u hija ikkonfermatilhom dan il-fatt. Ziedet tghid li "*l-bank gieli cempluli meta kien jidhol xi cheque u jien kont nghidilhom li dan il-kont kien hemm stop payment*" (fol. 84).

Ikkunsidra ulterjorment;

9. L-ewwel eccezzjoni li ghandha tigi deciza hija dik dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal li jiddeciedi dan il-kaz in kwantu t-talba attrici mhix *money claim* ai termini tal-Kap. 380.

10. Nibdew billi naraw x'tghid il-ligi. **Is-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 380** jaqra hekk:

> "(2) Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn hamest' elef euro (€5,000):
>
> Iżda fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba.

> (3) (*a*) Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għall-istess raġuni, il-valur jiġi determinat mill-ammont totali tat-talbiet.
>
> (*b*) Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għal raġunijiet differenti, il-valur jiġi determinat mill-ogħla somma, irrispettivament mis-somom iżgħar.
>
> (*ċ*) Jekk it-talba tkun għal kapitali u mgħaxijiet, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li s-somom tal-kapital u tal-imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn hamest elef euro (€5,000)."

11. Dan ifisser li **bla hsara ghal dak li jghid is-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 380**, dan it-Tribunal ghandu jisma' u jaqta' **biss it-talbiet kollha ta' flus** ta' ammont ta' **mhux iżjed** minn hamest' elef euro (€5,000), b'dan illi fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba.

12. Ghar-rigward tal-ammont ta' €5,000 imbaghad il-ligi tistipula fis-**sub-artikolu (3) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 380** li:

    i. Meta jintalab il-hlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lir-rikorrenti **għall-istess raġuni**, allura l-valur jiġi determinat mill-ammont totali tat-talbiet.

    ii. Meta jintalab il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lir-rikorrenti **għal raġunijiet differenti**, allura l-valur jiġi determinat mill-ogħla somma, irrispettivament mis-somom iżgħar.

    iii. Meta t-talba **tkun għal kapitali u mgħaxijiet**, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li s-somom tal-kapital u tal-

imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn hamest' elef euro (€5,000).

13. U **s-sub-artikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Kapitolu 380** jaqra hekk:

> "Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta ta' beni immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli, ghad li t-talba ma tkunx tiskorri hamest' elef euro (€5,000), u kawzi ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal".

14. Minn qari ta' dan is-sub-artikolu tal-ligi jirrizulta li t-Tribunal huwa pprojbit mil-Ligi milli jiddeciedi:

    i. Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta ta' beni immobbli;

    ii. pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli,

    u dan minkejja li t-talba ma tkunx tiskorri l-€5,000; u

    iii. kawzi ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli.

15. Hija l-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal, li jekk wiehed jaqra dan l-artikolu tal-ligi u jinterpretah fid-dawl ta' dak li inghad hawn fuq, jirrizulta li t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni biex jiddeciedi dawk il-kawzi kollha li ma humiex specifikatament eskluzi mis-sub-artikolu 5 ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 380, jew minn xi ligi ohra ta' liema xorta hi, u **basta** li dawn il-kawzi, jkunu jitrattaw dwar flus u l-ammont, salv dak li hawn fuq riportat, ma jkunx jeccedi l-€5,000.

16. Issa f'dan il-kaz, il-bank rikorrenti qieghed jitlob li s-socjeta intimata tigi dikjarata debitrici tieghu fl-ammont ta' €2,839.99c. Dan wara li ppremettiet li s-socjeta intimata kellha facilitajiet bankarji u fit-tnejn (2) ta' Mejju tal-2013, hija ddepozitat *cheque* ghall-ammont ta' €2,969.95 u nel frattemp gibdet l-ammont ta' €3,450 mill-istess kont taghha. Sussegwentement c-*cheque* ghall-ammont ta' €2,969.95 ma kienx onorat ghaliex kien hemm rapport li gie misruq u sussegwentement gie kancellat. Gara pero li s-

socjeta intimata lahqet gibdet flusha kollha mill-kont inkluz is-somma tac-*cheque* imsemmi. Konsegwentement, il-kont tas-socjeta intimata jinsab fi zbilanc ta' €2,839.99 li huwa l-ammont reklamat b'dawn il-proceduri. Da parti taghha, s-socjeta intimata qeghda tghid li hija ma ghandhiex ghalfejn twiegeb ghat-telf li ghamel il-bank u li hija ma hijiex debitrici tieghu izda haddiehor. Ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li ghandu l-gurisdizzjoni ossia l-kompetenza mehtiega sabiex jiddeciedi dan il-kaz. Konsegwentement din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata qeghda tigi michuda.

17. Is-socjeta intimata qalet ukoll fir-risposta taghha li hija ma ghandhiex ghax twiegeb ghat-telf li talvolta seta sofra l-bank rikorrenti in segwitu ghat-transazzjoni odjerna u dan ai termini *inter alia* tal-artikoli 1894, 1842 u 1843 tal-Kap. 16. It-Tribunal ra dawn l-artikoli tal-ligi u huwa tal-fehma li ma japplikawx ghal kaz odjern. Il-kaz odjern huwa differenti min dak insibu f'dawn l-artikoli tal-ligi u ghalhekk, it-Tribunal qieghed jichad ukoll din it-tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata.

18. Bhala fatti, skont ma jirrizultaw mill-atti, nsibu dan li gej:

- Fi zmien il-Gimgha l-Kbira tas-sena 2012[2] meta Mary Vella u zewgha regghu rritornaw lura fil-vettura taghhom wara li kienu marru jixtru min hanut gewwa l-Iklin huma indunaw li kien insteraq il-basket taghha li kien jinsab fl-imsemmija vettura. F'dan il-basket kien hemm ic-*cheque book* ta' Mary Vella u xi affarijiet ohra personali taghha.

- Hija fil-pront marret taghmel rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara fejn irrapurtat is-serqa u cemplet lil bank rikorrenti "*biex naghmel stop payment fuq ic-cheque book*" (fol. 84). Dan ir-rapport sar, skont ma xehed l-Ispettur Rennie Stivala, fis-6 ta' April, 2012.

- Hija qalet li l-bank infurmaha li l-i*stop payment* kienet effettiva minn dak il-hin stess u talabha sabiex terga ccempel l-ghada filghodu kif effettivament ghamlet.

[2] Il-Gimgha l-Kbira fis-sena 2012 giet fil-31 ta' Marzu.

- Il-kjamat fil-kawza kien mar jixtri xi ghodda minghand is-socjeta intimata u hallas bi tlett cekkijiet fl-ammont ta' (i) €1,818.64c (ii) €1,073.16c u (iii) €800.46c.

- Dawn ic-cekkijiet kienu gew depositati mis-socjeta intimata fil-kont bankarju taghha mizmuma mal-bank rikorrenti fit-28 ta' April, 2012.

- Frank Galea, direttur tas-socjeta intimata kien mar personalment b'dawn ic-cekkijiet il-bank u hemm kellem impjegat bl-isem ta' Emanuel u talbu sabiex "*jivverifika li kien hemm bizzejjed fondi fil-kont li minnu nhareg ic-cekk*" (fol. 45).

- L-addett tal-bank informah li kien hemm bizzejjed fondi f'dan il-kont biex jissarraf ic-cekk in kwistjoni.

- Il-Bank kien ikkredita l-kont tas-socjeta intimata b'dawn l-ammonti mal-ewwel u ma qadx jistenna t-tlett ijiem tax-xoghol biex jghaddu.

- Wara din l-okkazzjoni, l-kjamat fil-kawza reggha mar jixtri xi oggetti ohra minghand is-socjeta intimata u reggha hallas b'cekk iehor, din id-darba fl-ammont ta' €2,969.95c.

- Fit-2 ta' Mejju, 2012 is-socjeta intimata ddepozitat dan ic-cekk fil-kont taghha mizmum mal-bank rikorrenti.

- Bhal ma kien qal diga precedentement, l-addett tal-bank rikorrenti bl-isem ta' Emanuel kien informa lil Frank Galea, direttur tas-socjeta intimata, li ma kienx hemm problema biex dan ic-cekk jissarraf.

- Frank Galea, id-direttur tas-socjeta intimata gibed is-somma ta' €3,450 fit-3 ta' Mejju, 2012 mill-kont bankarju tas-socjeta intimata mizmum mal-bank rikorrenti.

- Skont ma xehed David Vella, ftit sieghat wara li Frank Galea kien gibed l-ammont ta' €3,450 mill-bank rikorrenti, huma

kienu cemplulu u infurmawh li dan ic-cekk, bhat-tlett cekkijiet l-ohra precedenti kienu gew *countermanded*.

- Mill-istatement esebit mis-socjeta intimata (fol. 54) jirrizulta li fit-30 ta' April, 2012 dawn it-tlett cekkijiet kienu gew *countermanded* u ngibdu l-flejjes mill-bank rikorrenti mill-kont tas-socjeta intimata.

- Peress li ma kienx hemm bizzejjed flus fil-kont bankarju tas-socjeta intimata sabiex il-bank rikorrenti jiehu lura ukoll l-ammont ta' €2,969.95c bhal ma kien ghamel precedentement huwa talab lis-socjeta intimata sabiex thallsu lura l-ammont li huwa kien iddeposita fil-kont taghha biex setghu jingibdu l-flejjes min Frank Galea.

- Wara dan il-fatt, is-socjeta ntimata kienet ghamlet rapport kontra l-kjamat fil-kawza Jeffrey Cassar u li mill-investigazzjoni li huwa ghamel, irrizultalu li l-kjamat fil-kawza kien xtara xi ghodda minghand is-socjeta intimata u l-hlas kien sar b'cekk proprjeta ta' Marija Vella.

- Minn investigazzjonijiet li kien ghamel l-Ispettur Stivala irrizulta li l-firma li kien hemm fuq wara tac-cekkijiet ma kienitx ta' Marija Vella izda kien ghamilha l-kjamat fil-kawza.

- Il-kjamat fil-kawza kien ammetta mal-Ispettur Stivala li hu kien mar biex jixtri l-ghodda minghand is-socjeta intimata u li l-istess kjamat fil-kawza kien anke ammetta l-akkuzi migjuba kontrih il-Qorti u wehel il-habs.

19. Jidher bic-car, li l-kjamat fil-kawza gidem sew, kif jghid il-Malti, lis-socjeta intimata. Fil-fehma tat-Tribunal, is-socjeta intimata indunat b'dak li kien ghamel il-bank fit-30 ta' April, 2012 ghar-rigward tac-cekkijiet li hija ddepositat fit-28 ta' April, 2012 meta regghet iddepositat ic-cekk fl-ammont ta' €2,969.95c fit-2 ta' Mejju, 2012 u kien ghalhekk li hija gibdet dan l-ammont flimkien ma ammont iehor, b'kollox €3,450, fit-3 ta' Mejju, 2012. Dan sabiex il-bank ma jkollux flejjes min fejn jiehu l-ammont ta' €2,969.95c. Dan ma setatx taghmlu s-socjeta intimata. Ir-rimedju taghha

kien li hija tfittex lill-kjamat fil-kawza u tiehu l-flejjes minghandu. Il-bank rikorrenti jahti xi ftit ghal dan kollu l-ghaliex huwa messu mal-ewwel informa lis-socjeta intimata li cekkijiet min dak il-kont ma kienux qeghdin jigu accettati l-ghaliex ic-*cheque book* proprjeta ta' Mary Vella kien insteraq. Fil-fatt, rajna li fid-deposizzjoni tieghu, David Vella, ghan-nom tal-bank rikorrenti ammetta li "*l-Bank kien jaf li kien hemm stop payments fuq dawk ic-cekkijiet qabel ma l-kaxxier taghna qal li kien hemm fondi f'dak il-kont sabiex jaghmlu tajjeb ghal-istess cekk*" (fol. 81). Dan il-fatt, kompla jghid l-istess xhud, il-bank kien jafu "*sa xahar qabel mas-Sur Galea sarraf ic-cekkijiet jew ftit anqas minn xahar*" (fol. 82). Il-bank rikorrenti qatt ma messu halla lir-rapprezentant tas-socjeta intimata jiehu flejjes li kienu ghadhom ma gewx *cleared* minnu. Kieku ghamel hekk ma kienx jinqala l-kaz tal-lum l-ghaliex huwa kien jinforma lis-socjeta intimata li c-cekkijiet ma setghux jissarfu l-ghaliex kienu *countermanded*.

20. Apparti dan kollu, l-istess bank rikorrenti kien ukoll protett b'dak li kien hemm miktub fuq id-*deposit slip* u cioe "*customers are adviced that the Bank reserves the right at its discretion to postpone payment of cheques drawn against uncleared effects which may be credited to the account even if deposited in the branch where drawer's account is domiciled. It is understood that the Bank reserves the right to claim refund and/or debit their account in respect of effects which are unpaid or lost in transit (without loss of exchange, where applicable) plus all charges or in case payment of effects is subsequently countermanded in terms of foreign or local law*".

21. Il-kjamat fil-kawza ressaq risposta miktuba bl-idejn. It-Tribunal fid-19 ta' Jannar, 2016 kien ordna li din ir-risposta tigi dattilografata izda mill-atti ma jirrizultax li din l-ordni giet segwita. Minkejja dan, mil ftit kliem legibbli jidher li l-kjamat fil-kawza qieghed jallega li l-azzjoni odjerna hija perenta a tenur tal-artikolu 2157 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu pero ma ghandu x'jaqsam xejn u ghalhekk din l-eccezzjoni sejra tigi michuda.

22. Fit-tieni risposta tieghu, l-kjamat fil-kawza qal li huwa qatt ma xtara jew innegozja ma l-ebda parti u ghaldaqstant ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Rajna li dan ma huwiex minnu. Il-kjamat fil-kawza xtara oggetti minghand is-socjeta kjamata fil-kawza u hallas ghal

dawn l-oggetti b'cekkijiet li huwa kien seraq minghand Mary Vella. Hemm l-ammissjoni tieghu dwar dan il-fatt quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

23. Ghar-rigward ta' l-ammont reklamat mil-bank rikorrenti jirrizulta li dan gie ppruvat sodisfacentement skont il-ligi u konsegwentement huwa dovut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mis-socjeta intimata, inkluza dik dwar in-nuqqas ta' kompetenza tieghu li jiddeciedi l-kaz, qieghed jichad ukoll l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-kjamat fil-kawza, inkluza dik dwar il-preskrizzjoni u filwaqt li qieghed jilqa t-talba tal-bank rikorrenti qieghed jikkundanna lis-socjeta intimata u lill-kjamat fil-kawza sabiex ihallsu lill-bank rikorrenti l-ammont ta' elfejn tmien mija disgha u tletin euro u disgha u disghin centezmi ta' euro [€2,839.99c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mit-23 ta' Jannar, 2013 sad-data tal-hlas effettiv.

Peress li din il-kwistjoni inqalghet kollha tort tal-kjamat fil-kawza, ikun xieraq li l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri jithallsu minnu.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**